MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru 135/2015

**Pulizija**

**Spettur Kevin Pulis**

**Vs**

**Joseph Gatt**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Gatt ta’ 63 sena, bin Joseph u Nicola nee’ Borg, mwieled Siggiewi fis-16 ta’ April 1951, residenti 50, Josmag, Triq il-Kenn, Safi u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 431151M;

Talli fit-28 ta' April 2014 u/jew fix-xhur ta' qabel, minn gewwa residenza 50, Josmag, Triq il-Kenn, Safi, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) Ikkommetta serq ta' elettriku, liema serq huwa aggaravat bil-lok, bil-hin u bil-valu, liema valur huwa aktar minn €232.94 izda ma jeccedix €2329.37 ghad-dannu tal-Enemalta u/jew entitajiet ohra;
2) Aktar talli wettaq reat punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Lulju 2013;
3) Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll biex titratta lil Joseph Gatt bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Wara li rat il-verbal ta' llum stess, fejn il-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tirtira l-kwerela kontra l-imputat, stante hlas ghas-saldu;

Din il-Qorti tiddikjara din il-kawza procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------